

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1602/2002

tad-9 ta' Settembru 2002

li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsil 1999/105/KE dwar l-awtorizzazzjoni lil Stat Membru biex jipprojbixxi l-marketing ta' materjal riproduttiv speċifikat tal-foresti lill-konsumatur finali

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsil 1999/105/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 dwar il-marketing ta' materjal riproduttiv tal-foresti ⁽¹⁾, u partikularment l-Artikolu 17(3) tagħha,

Billi:

- (1) Skond l-Artikolu 17(1) tad-Direttiva 1999/105/KE, l-Istati Membri għandhom jassiguraw li materjal riproduttiv tal-foresti li jinħareġ fis-suq skond id-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva ma jkunx soġġett għall-ebda restrizzjoni fil-marketing dwar il-ħtiġijiet tal-karatteristiċi, l-eżami u l-ispezzjoni tiegħu, it-tikketti u l-issigilljar ħlief dawk stipulati f'dik id-Direttiva.
- (2) Stati Membri jistgħu f'ċertu ċirkostanzi jkunu awtorizzati li jipprojbixxu l-marketing lill-konsumatur finali, bil-għan li jsir it-tizriegħ jew it-tħawwil fit-territorju tagħhom, ta' materjal riproduttiv speċifikat tal-foresta li ma jkunx addattat għall-użu fit-territorju tagħhom.
- (3) Tali awtorizzazzjonijiet għandhom jingħataw biss fejn ikun hemm raġuni għaliex wieħed jaħseb li l-użu tal-materjal riproduttiv tal-foresti se jkollu, minħabba l-karatteristiċi fenotipiċi jew ġenetiċi tiegħu, effett negattiv fuq il-foresti, l-ambjent, ir-riżorsi ġenetiċi jew il-biodiversità fit-territorju ta' dak l-Istat Membru.
- (4) Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiddiċċiedi f'għarfien sħiħ tal-fatti, l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għandha tkun akkompanjata mill-evidenza u l-informazzjoni relevanti li tikkonċerna, *inter alia*, ir-reġjun ta' provenjenza jew l-orijini tal-materjal riproduttiv tal-foresta r-riżultati tal-provi, ir-riċerka xjentifika u l-prattiki tal-foresti. L-informazzjoni meħtieġa għandha tkun speċifikata.
- (5) Sabiex Stat Membru jiġi assistit sabiex jipprepara l-applikazzjoni tiegħu, l-Istati Membri l-oħra għandhom jipprovdu, jekk ikunu mitluba, l-informazzjoni kollha relevanti dwar ir-reġjun tal-provenjenza jew l-orijini u listi nazzjonali ta' materjal bażiċi għall-produzzjoni ta' materjal riproduttiv tal-foresti.
- (6) Kopja ta' l-applikazzjoni għandha tintbagħat fl-istess ħin lill-Istat Membru li fih ir-reġjun ta' provenjenza jew l-orijini jinstab, sabiex dak l-Istat Membru jkun jista' jinforma lill-Kummissjoni dwar il-pożizzjoni tiegħu.

- (7) Il-miżuri maħsuba f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar iż-Żerriegħa u l-Materjal ta' Tniissil għall-Agricoltura, l-Ortikultura u l-forestrija.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Stat Membru li jkun qed ifittex l-awtorizzazzjoni biex jipprojbixxi l-marketing tal-materjal riproduttiv speċifikat tal-foresti lill-konsumatur finali, taħt l-Artikolu 17(2) tad-Direttiva 1999/105/KE, għandu jissottometti applikazzjoni lill-Kummissjoni fejn jiddikjara għaliex jikkunsidra li l-kriterji stipulati fl-Artikolu 17(2) huma sodisfatti. L-applikazzjoni għandha tkun akkompanjata bl-informazzjoni u dokumentazzjoni kollha disponibbli li jsaħħuha, kif stipulat fil-paragrafi minn 2 sa 5.
2. Mapep u dettalji tar-reġjun ta' provenjenza jew l-orijini tal-materjal għandhom ikunu pprovduti, flimkien ma' dokumentazzjoni li turi d-differenzi fid-data klimatika u ekoloġika rispettiva tagħhom, kif speċifikat fl-Anness, għandhom ikunu pprovduti.
3. Għandhom ikunu pprovduti r-riżultati tal-provi jew ir-riżultati tar-riċerka xjentifika jew ir-riżultati miksuba mill-prattika tal-forestrija li juru għaliex il-materjal mhuwiex addattat għall-użu fit-territorju fejn tkun proposta l-projbizzjoni. Dettalji tal-provi bħat-tqassim, il-proċedura ta' valutazzjoni u l-analiżi tad-data għandhom ikunu forniti; il-provi jridu jkunu saru fuq tipi relevanti ta' siti u skond il-ħtiġijiet stipulati fil-punt 1 ta' l-Anness V għad-Direttiva 1999/105/KE. Dettalji għandhom ukoll ikunu pprovduti dwar il-persuni li jkunu eżegwew il-provi, u jekk ir-riżultati ġewx iċċekkjati minn oħrajn ta' l-istess grad jew ippubblikati.
4. Dwar riżultati ta' riċerka xjentifika, dettalji tar-riċerka bħat-taqsim, sorsi tad-data, proċedura tal-valutazzjoni, u r-riżultati tad-data għandhom ikunu pprovduti.
5. Dwar riżultati li joħorġu mill-prattika tal-forestrija, l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni dwar is-sopravivenza u l-iżvilupp ta' materjal riproduttiv tal-foresti inkluż it-tkabbir, għandhom ikunu pprovduti.

Artikolu 2

Dwar applikazzjonijiet biex jiġi projbit il-marketing ta' materjal riproduttiv tal-foresti fil-kategoriji "sors-identifikat" jew "magħżulin" minn materjal bażiku approvat f'forma ta' sors taż-żerriegħa jew maqgħad taż-żerriegħa, l-Istat Membru li jkun qed jfittex li jipprojbixxi l-materjal għandu jipprovdi valutazzjoni ta' kemm mhuwiex adattat magħmula b' referenza għar-reġjun ta' provenjenza.

⁽¹⁾ ĠU L 11, tal-15.1.2000, p. 17.

Artikolu 3

Dwar applikazzjonijiet għall-projbizzjoni tal-*marketing* ta' materjal riproduttiv tal-foresti fil-kategoriji "ikkwalifikati" jew "ittestjati" minn materjal bażiku approvat f'forma ta' ġardina taż-żerriegħa, ġenituri jew familja, klonu jew taħlita ta' kloni, l-Istat Membru li jkun qed ifittex li jipprojbixxi l-materjal għandu jipprovdi valutazzjoni ta' kemm mhuwiex addattat magħmula b'referenza għall-unitajiet individwali ta' approvazzjoni.

Flimkien ma' l-informazzjoni speċifikata fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 1999/105/KE, l-informazzjoni segwenti għandha tkun ipprovduta meta rikjesta:

- (a) il-kriterji ta' għażla użati għall-komponenti tal-materjal bażiku;
- (b) il-kompożizzjoni tal-materjal bażiku;
- (ċ) ir-reqjun(i) ta' provenjenza fejn il-komponenti oriġinali kienu magħżula.

Artikolu 4

1. Bil-għan li l-Istat Membru jkun mgħejjun sabiex jipprepara l-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 1, l-Istati Membri l-oħra għandhom jipprovdu, fuq talba ta' l-Istat Membru li jkun

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul Brussel, fid-9 ta' Settembru 2002.

qed jipprepara l-applikazzjoni, mapep u informazzjoni dwar il-kondizzjonijiet klimatiċi u ekoloġiċi fir-reqjun ta' provenjenza tal-materjal riproduttiv tal-foresta li għalih l-awtorizzazzjoni għall-projbizzjoni tal-*marketing* lill-konsumatur finali tkun qiegħda tiġi mitluba.

2. Fl-istess ħin li l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tkun sottomessa lill-Kummissjoni, kopja tagħha għandha tintbagħat lill-Istat Membru li fih ir-reqjun ta' provenjenza jew l-oriġini tal-materjal li għandu jkun ipprojbit ikun sitwat.

3. L-Istat Membru li msemmi fil-paragrafu 2 għandu tliet xhur biex jikkonsidra l-applikazzjoni u biex jinforma lill-Kummissjoni dwar il-pożizzjoni tiegħu. Fejn ġustifikat, il-Kummissjoni, fuq talba ta' dak l-Istat Membru, tista' testendi dan il-perijodu.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2003.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNEX

Lista ta' informazzjoni li għandha tkun ipprovduta mill-Istat Membru biex isostni l-applikazzjoni tiegħu taħt l-Artikolu 17(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE.

1. Informazzjoni dwar l-ispeċi li qed jikbru fit-territorju jew parti mit-territorju: etnika jew introdotta.
 2. Mapep u referenzi għar-reġjun ta' provenjenza jew unità ta' approvazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-foresti għal liema l-applikazzjoni hija sottomessa.
 3. Indikazzjoni tat-territorju jew parti tat-territorju għal liema l-applikazzjoni għall-projbizzjoni tal-*marketing* tal-materjal lill-konsumatur finali bil-għan li jsir it-tiżriegħ jew tħawwil tkun sottomessa.
 4. Data dwar il-klima tar-reġjun ta' provenjenza jew unità ta' l-approvazzjoni speċifikata fil-punt 2 u tat-territorju jew parti tat-territorju speċifikat fil-punt 3.
 - (a) inżul annwali totali ta' xita (mm);
 - (b) preċipitazzjoni fl-istaġun tat-tkabbir (mm) inklużi ix-xhur meta tsehh;
 - (ċ) it-temperatura:
 - il-medja annwali °Ċentigradi
 - il-medja tax-xahar l-aktar kiesaħ °Ċentigradi,
 - il-medja tax-xahar l-aktar sħun °Ċentigradi;
 - (d) it-tul ta' l-istaġun tat-tkabbir (ġranet oġhla minn 5 °C jew xi miżura simili addattata).
 5. Data ekoloġika tar-reġjun ta' provenjenza jew unità ta' l-approvazzjoni speċifikata fil-punt 2 u tat-territorju jew parti tat-territorju speċifikat fil-punt 3
 - (a) raġġ ta' altitudni;
 - (b) formazzjoni (ijiet) ġeoloġika maġġura;
 - (ċ) it-tip(i) maġġuri ta' ħamrija.
-